**12 ta' April, 1996**

**Imhallef:-**

**Onor. Frank G. Camilleri LL.D.**

Paul England *noe*

*versus*

Paul Dimech

## ***Roundabout* - Artikolu 95 tal-*Highway Code***

*Definizzjoni ta'* roundabout - *Referenza għal sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali ta' l-1958 - Ma tistax tqis kollox* roundabout *speċjalment meddiet kbar kif jinsabu fil-Pjazza ta' Raħal Ġdid u quddiem il-Hotel Phoenicia.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-atturi li biha, wara li ppremettew:

Li waqt li mart l-assigurat ta' l-attur *nomine* kienet qiegħda ssuq il-vettura tiegħu numru B-5580 minn Paola Sqaure, Raħal il-Ġdid, fl-20 ta' Frar, 1992 hija sfat involuta f'inċident awtomobilistiku mal-karozza li kienet misjuqa mill-konvenut u b'riżultat ta' dan l-inċident il-vettura ta' l-attur sofriet danni;

Li dan l-inċident ġara b'tort unikament tal-konvenut minħabba traskuraġni, imperizja, negliġenza, non-kuranza u nuqqs ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku da parte tiegħu, billi laqgħat il-vettura ta' l-assigurat sbrixx fuq ġewwa;

Li l-attur *nomine* abbażi tal-polza ta'assigurazzjoni li għandu ma' l-assigurat tiegħu ikkompensah tal-ħsarat li dan sofra fl-istess vettura u għalhekk huwa ssurrogat fid-drittijiet tiegħu abbażi tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-Liġi;

Li meta l-konvenut ġie mitlub jikkompensa lill-attur dan ma għamel assolutament xejn u lanqas biss ma rrisponda għall-ittra legali li intbagħtitlu;

Talbu, għalhekk, li l-konvenut jgħid għaliex dina l-Qorti ma għandhiex:

Tiddikjara li din il-kolliżjoni ġrat tort unikament tal-konvenut minħabba negliġenza, imprudenza, nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku u non-kuranza tal-konvenut;

Tillikwida d-danni sofferti mill-attur, jekk hemm bżonn bl-opera ta' periti nominandi;

Tikkundanna lill-istess konvenut iħallas lill-attur dik is-somma li tiġi hekk likwidata in linea ta' danni skond kif intqal fuq u għar-raġunijiet fuq premessi;

Bl-imgħax legali u bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' żewġ ittri legali kontra l-konvenut li minn issa jibqa' nġunt għas-subizzjoni tiegħu;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata u n-nota tax-xhieda ta' l-atturi;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa:

L-ewwel talba attriċi għandha tkun miċħuda stante li l-inċident awtomobilistiku *de quo* ma ġarax ħtija tiegħu iżda biss ħtija ta' Catherine Mifsud li kienet issuq il-vettura Nru. B-5580;

It-tieni talba għanda għalhekk tkun ukoll respinta billi

m'hemm ebda danni x'jiġu likwidati favur l-atturi, almenu fejn dan jirrigwarda lilu;

Isegwi allura li anke t-tielet talba għandha tkun riġettata stante li huwa m'għandu jkun kundannat iħallas ebda danni lill-atturi;

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata u n-nota tax-xhieda tal-konvenut;

Rat id-digriet tagħha ta' l-24 ta' Mejju, 1993 li bih ġie nnominat l-Avukat Dottor Joseph Azzopardi bħala espert tat-traffiku biex, wara li jambjenta ruħu mal-lokalita' ta' l-inċident u b'hekk ikun aktar f'qagħda li aktar jistħarreġ il-każ u, wara li jieħu konjizzjoni ta' l-eċċezzjonijiet, ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attriċi u jagħmel l-osservazzjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu mal-każ u *occorrendo* jillikwida d-danni;

Rat ir-relazzjoni peritali ta' l-imsemmi Avukat Dottor Joseph Azzopardi kkonfermata bil-ġurament fl-udjenza tat-2 ta' Mejju, 1995;

Rat in-nota tal-konvenut li biha talab in-nomina ta' periti addizzjonali (fol. 54);

Rat id-digriet tagħha tas-26 ta' Ġunju, 1996 li bih ġew innominati bħala periti addizzjonali l-Avukati Dottor Joseph Micallef Stafrace, Dottor Joseph P. Bonnici u Dottor Carole Zammit Montebello;

Rat ir-relazzjoni addizzjonali ta' l-imsemmijin periti maħlufa fl-udjenza tas-6 ta' Novembru, 1995 mill-periti

addizzjonali Joseph Micallef Stafrace u Joseph P. Bonnici u fl-udjenza ta' l-10 ta' Novembru, 1995 mill-perit addizzjonali Carole Zammit Montebello;

Rat in-nota ta' l-osservazzjonijiet ta' l-attur *nomine* (fol. 67);

*Rat in-nota ta' l-osservazzjonijiet responsiva tal-konvenut* (fol. 71);

Rat l-atti l-oħra tal-kawża;

Eżaminat id-deposizzjonijiet;

Ikkunsidrat:

Jidher li kemm l-ewwel perit kif ukoll dawk addizzjonali jaqblu fuq ħaġa waħda, dik ċjoe' li l-eżitu ta' din il-kawża għandu jiddependi minn jekk it-*traffic island* li tinsab fil-lokalita' fejn ġara l-inċident stradali, jiġifieri fil-Pjazza ta' raħal il-Ġdid, għandhiex titqies bħala *roundabout* jew inkella le. Dan għaliex jekk tiġi hekk jew inkella le. Dan għaliex jekk tiġi hekk ikkunsidrata ċjoe' bħala *roundabout* allura t-tort huwa tal-konvenut għaliex jirriżulta li mart l-attur Philip Mifsud, li kienet qiegħda issuq il-vettura Morris B-5580, kienet diġa' fuq ir-*roundabout* waqt li l-konvenut ried jidħol matulha biex joħroġ mill-Pjazza (minn ħdejn l-Għassa tal-Pulizija) u l-artikolu 95 tal-*Highway Code* jgħid:

"*When approaching a roundabout, watch out for traffic already on it ... Give way to traffic on your right unless road markings indicate otherwise*";

Fi kliem ieħor (u dan jaqblu miegħu ukoll l-istess esperti), dan l-aspett tal-kwistjoni huwa kruċjali biex tinstab soluzzjoni għall-vertenza għaliex irid jiġi stabbilit min miż-żewġ sewwieqa kellu r-*right of way* f'dan il-każ li ċertament għandu l-karatteristiċi tiegħu proprju minħabba din il-problematika;

L-ewwel espert huwa tal-fehma li, fin-nuqqas ta' definizzjoni ta' *roundabout* fl-istess Kodiċi tat-Traffiku, wieħed għandu jieħu diversi fatturi in konsiderazzjoni qabel ma jasal biex jiddeċidi f'materja bħal din u jgħid li: "Wieħed mill-fatturi determinanti hu s-sinjali tat-traffiku li jkun hemm jakkumpanjawha. Jekk, per eżempju, dawn is-sinjali jobbligaw lis-sewwieq idur magħha, din tiġi klassifikata bħala *roundabout*". U jkompli jgħid hekk: "Fil-każ in eżami, dan hu appuntu *dak li jindikaw dawn is-sinjali. għalhekk traffiku ġej* minn Żabbar Road (kif kienet ġejja Mifsud) irid bilfors idur id-dawra tal-pjazza kollha qabel jibqa' sejjer lejn il-Marsa u ma jistax jibqa' sejjer dritt il-Marsa għalkemm hemm spazju biżżejjed għal dan. Imbagħad eżami ta' kif jiċċirkola t-traffiku fid-dintorni juri li traffiku li jkun ġej mill-Marsa lejn Żabbar Road *jieħu preċedenza fuq it-traffiku li jkun* ser iħalli r-*roundabout*. Importanti wieħed jinnota meta jmur fuq il-post li normalment it-traffiku li jkun ġej minn Ħal Tarxien jieqaf qabel jgħaddi dak li jkun ġa' fuq ir-*roundabout*";

Il-periti addizzjonali, pero', ma jaqblux ma' din il-*konkluzjoni ta' l-ewwel perit. Fir-relazzjoni* tagħhom huma jagħmlu s-segwenti riljevi fir-rigward ta' din it-*Traffic Island*;

"L-esponenti aċċedew fuq il-lokalita' ta' l-inċident u għamlu osservazzjonijiet fit-tul dwar iċ-ċirkolazzjoni tat-traffiku f'dik il-lokalita'. Huma osservaw dan:

F'nofs il-Pjazza hemm *traffic island* ta' għamla

rettangolari b'mod li t-tul tagħha hu xi sitt darbiet daqs il-wisa'. Magħmula minn erbat iġnub dritti b'tundjatura fiż-żewġt iġnub id-dojoq;

Mat-tul tagħha din l-*island* għandha *zebra crossing* f'kull naħa, b'mod li l-pedoni jsitgħu jaqsmu mill-ġenb tal-pjazza għal fuq l-*island*;

M'hemm ebda sinjal tat-traffiku, minn ebda ġenb li xi ħadd qed javviċina *roundabout*;

Int u ġej minn Bormla u minn Ħaż Żabbar issib STOP, bnadi oħra le;

Traffiku li jmur minn fejn l-Għassa ta' Raħal Ġdid lejn Bormla, Żabbar jew il-Pjazza, ma jieqafx lil traffiku li jkun ħiereġ *minn fejn il-Ħibs*;

Traffiku li jkun ġej minn fejn il-Każin tan-Nazzjonalisti għal quddiem il-każin tal-banda (*bħal fil-każ tal-Mercedes tal-konvenut fil-kawża odjerna*) aktarx iva milli le jibqa' għaddej meta jiltaqa' ma vettura ddur quddiem il-Knisja (kif għamlet il-Morris *misjuqa minn Catherine Mifsud fl-inċident de quo*);

L-esponenti jistaqsu: L-*island* fejn hemm il-Monument ta' Kristu Re, faċċata tal-Hotel Phoenicia fil-Furjana, qatt tista' tissejjaħ *roundabout*? Din l-*island* tista' titqabbel perfettament ma' l-*Island* f'nofs il-pjazza ta' Raħal il-Ġdid. It-tnejn mhumiex *roundabout*. Jekk tikkunsidrahom *roundabout* tkun qed iġġebbed indebitament u tiżnatura t-tifsira ta' *roundabout*";

In bażi għal dawn ir-riljevi, l-istess periti jikkonkludu ulterjorment li l-konvenut kellu d-dritta fil-konfront tas-

sewwieqa tal-Morris, li kienet qiegħda taqsam min-naħa għal oħra bejn żewġ rotot fid-dritt, u li l-konvenut m'għamel xejn ħażin meta ssokta fid-dritt u, fil-kumpless taċ-ċirkostanzi, anqas kien xi *abuser* li għaddas rasu a skapitu ta' kollox;

Għandu jingħad li din il-kwistjoni ta' kif għandha tingħaraf *roundabout* kienet ġiet għall-konsiderazzjoni ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawża **Il-Pulizija *vs* Joseph Zammit** li kienet ġiet deċiża fl-1 ta' Frar, 1958 (Kollez. XLII.IV.1238);

Fl-imsemmi każ, l-imputat kien tressaq il-Qorti fuq imputazzjoni li kienet tippostula l-eżistenza ta' *roundabout* u d-difiża kienet ikkontestat il-pretiża tal-prosekuzzjoni li fil-lokalita' kien hemm *roundabout*;

Din il-pretiża *roundabout* kienet tikkonsisti f'qatgħa żgħira, ta' forma ovali, imdawwra b'ċint baxx ta' xi tmienja jew għaxar pulzieri għoli, bl-apparenza ta' ħaġa inkompleta, li kienet tinsab piu o meno fil-quċċata tat-telgħa ta' Porte des Bombes u li kienet intiża biex titlesta bħala sit alternattiv għall-istatwa storika ta' l-Iljun tal-Furjana li kienet ġiet imneħħija mill-post fejn kienet minn żmien kollokata;

L-Onorabbli Qorti msemmija qalet hekk: "Għalkemm ma jidhirx li hemm bżonn, biex ikun hemm *roundabout*, li jinħareġ xi avviż tal-pulizija, pero' hu loġiku li *roundabout* għandha tkun, esternament, rikonoxxibbli raġonevolment bħala tali. Issa, f'dan il-każ, ma hemm xejn li jista' jagħti *ad intendere* li din il-qatgħa hi *roundabout*. L-istess Onorabbli Qorti, kompliet tgħid: "Hu ovvju li biċċa art ma ssirx *roundabout*, bir-responsabbilitajiet kollha li huma mplikati bl-eżistenza tagħha, sempliċement għax il-pulizija tiddeċidi *marte proprio* li hi tali; imma jeħtieġ li tkun rikonoxxibbli bħala tali, billi jkollha l-

karetteristiċi, jew almenu xi wħud minnhom, li soltu wieħed jara f'*roundabout*;

Issa, din il-Qorti tħoss li dak li t-tliet periti addizzjonali qalu fir-rigward tat-*traffic island* in kwistjoni fis-sens li jekk din tiġi kkunsidrata bħala *roundabout* wieħed ikun qiegħed iġebbed u jiżnatura t-tifsira ta' *roundabout*, jammonta għall-istess ħaġa li qalet l-Onorabbli Qorti ta' l-Appelli Kriminali fis-sentenza preċitata u ċjoe' li biex wieħed jiddetermina li pretiża *roundabout* hija *roundabout* fis-sens tal-liġi jeħtieġ li tkun rikonoxxibbli bħala tali billi jkollha l-karatteristiċi, jew almenu xi uħud minnhom, li soltu wieħed jara f'*roundabout*;

Fil-każ tat-*traffic island* in kwistjoni, jirriżulta li għandha *zebra crossing* f'kull naħa li jippermettu lin-nies li jaqsmu mill-ġenb tal-pjazza għal fuq l-*island*. Jirriżulta ukoll illi fuqha hemm Kiosk u huwa fatt notorjament konoxxut li sid dan il-Kiosk fl-istaġun tal-ħarifa u tas-sajf joħroġ l-imwejjed u jservi lin-nies bid-*drinks* u *snacks* u huwa ukoll fatt li jeżistu bankijiet biex in-nies ikunu jistgħu jqattgħu s-siegħat fuqhom u jsegwu l-attivita' kollha li tkun għaddejja fuq iż-żewġ naħat tal-Pjazza;

Kwindi, din it-*traffic island* ma jirriżulta li għandha l-ebda karatteristika li wieħed normalment jassoċja ma' *roundabout* u jidher li lanqas l-Awtoritajiet tal-Pulizija ma jikkonsidrawha hekk għaliex kieku kienu jieħdu ħsieb li jagħtu avviż billi jwaħħlu s-senjaletika li normalment ikun hemm f'distanza raġonevoli biex l-utenti jirregolaw ruħhom;

Il-Qorti, għalhekk, ma tistax taqbel ma' l-ewwel perit li s-sewwieqa tal-Morris kellha d-dritta għaliex kienet diġa' fuq ir-*roundabout* u taqbel invece mal-periti addizzjonali li kkonkludew li t-*traffic island* li hemm fil-pjazza tar-Raħal Ġdid mhix *roundabout* u, kwindi dak li hemm ikkontemplat fil-

ɔreċitat artikolu tal-*Highway Code* mhux applikabbli għall-każ ɔdjern u, konsegwentement, tikkondividi ukoll il-konklużjoni ;agħhom li r-*right of way* kienet tispetta lill-konvenut li irriżulta li m'għamel xejn ħażin meta kompla jsuq fid-dritt;

Għal dawn il-motivi:

Taqta' u tiddeċidi billi, prevja adozzjoni tar-rapport ɔeritali *addizzjonali, tiċħad it-talbiet attriċi; bl-ispejjeż kontra* l-atturi.